DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-19 ta' Mejju 2010

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima II – Il-Kunsill

(2010/493/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008 ([1]),

— wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2008 – Volum I (C7-0174/2009) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2008,

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ([3]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 248 tat-Trattat KE ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 272(10) u l-Artikoli 274, 275 u 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([5]), u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 190/2003 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill ([6]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006, dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0096/2010),

1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għal dik li hija l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2008;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li tagħmel parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu ta' kwittanza għal dik li hija l-implimentazzjoni tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima II - Kunsill;

([1]) ĠU L 71, 14.3.2008.
([2]) ĠU C 273, 13.11.2009, p. 1.
([3]) ĠU C 269, 10.11.2009, p. 1.
([4]) ĠU C 273, 13.11.2009, p. 122.
([5]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([6]) Deċiżjoni li tohroġ mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).
([7]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Jerzy BUZEK

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE